## Kapitlu 3 Inħobbu lil xulxin bħal aħwa

## Lezzjoni 3.1: Alla ħalaq kollox bl-imħabba

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

a) Jiftakru li Alla ħalaq kollox għax iħobb.

b) Jagħrfu li Alla jħobb l-aktar lilna l-bnedmin.

ċ) Jifhmu li Alla jinstab kullimkien.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- PowerPoint Presentation li turi stampi dwar dak li ħalaq Alla.
- Kanzunetta li tkanta l-għalliema bl-isem ta' "Alla ħalaq"
- Diska bl-isem ta' "Qiegħed hemm fuq, qiegħed hawn isfel"
- Karta ta' taħriġ: 3.1



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi bħala reviżjoni tal-ewwel lezzjonijiet tistaqsi lit-tfal: "Min hu Alla?"
- Agħtihom ħin biżżejjed biex jispjegaw ruħhom tajjeb.
- Staqsi mistoqsijiet adekwati biex tintroduċi l-ħsieb li Alla huwa Missierna, Hu dak li jħobbna u dak li ħalaq kollox għalina.



**Nisimgħu flimkien:**

- Uri l-PowerPoint Presentation lit-tfal filwaqt li tispjega dak li Alla ħalaq għalina.
- Spjega kif Alla għamel dan kollu għalina għax iħobbna.
- Għin lit-tfal jifhmu li l-ħolqien t'Alla għalina huwa rigal kbir ta' mħabba.
- Aħdem flimkien mat-tfal il-karta ta' Taħriġ 3.1.
- Għinhom jimmarkaw u jsibu Alla u jagħmlu ċirku madwaru.
- Għen lit-tfal ipinġu l-istampa speċjalment lil dawk li jsibuha diffiċli biex jagħti l-kuluri addattati.



**Nikbru flimkien:**




1. Alla jinsab kullimkien

2. Alla ħalaq kollox sabiħ għalina

3. Kanta l-kanzunetta "Alla ħalaq" li titkanta fuq id-diska "London Bridge".

4. Alla jħobbna għax tana dak kollu li għandna.

- Staqsi lit-tfal biex jispjegaw kif nafu li Alla jħobbna.
- Ħeġġeġ lit-tfal sabiex jerġgħu kantaw il-kanzunetta flimkien miegħek.

**Nagħżlu flimkien:**

- Bħala ħlejjaq t'Alla, it-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jaħsbu dwar l-azzjonijiet tagħhom fil-ħajja ta' madwarhom.
- Staqsi mistoqsijiet bħal: "Huwa tajjeb li aħna nqaċċtu s-siġar u l-fjuri, naħqru l-annimali u nħammġu l-ambjent ta' madwarna?"; "Tajjeb jekk niġġieldu mal-oħrajn?" eċċ
- Għinhom jifhmu kif meta ma jiħdux ħsieb l-ambjent ta' madwarhom u ma jiħdux ħsieb xulxin minħabba xi ġlied jew piki bejniethom, huma jkunu qed ikissru dak li Alla ħalaq għalina.
- ***Napprezzaw l-ambjent u nitgħallmu nibżgħu għalih.***



**Niċċelebraw flimkien:**

- Ikkonkludi l-lezzjoni billi ddoqq id-diska "Qiegħed hemm fuq, qiegħed hawn isfel".
- Ħeġġeġ lit-tfal sabiex ikantaw flimkien u jagħmlu azzjonijiet li jispjegaw aħjar dak li jintqal fil-kanzunetta.



**Nitolbu:**

- Kun ta' eżempju billi tgħid talba qasira li biha tirringrazzja lil Alla ta' xi ħaġa li ħalaq għalina.
- Sejjaħ tfal differenti biex huma wkoll joħolqu talba ta' ringrazzjament lil Alla.

